MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 85/2005

Kawza fil-lista: 54

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Billi l-kontendenti zzewwgu fil-Knisja ta' San Duminku, Rabat fis-6 ta' Gunju 1994 wara tlett snin eghrusija u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal li twieldu fit-8 ta' Frar 2000;

Billi l-kunsens tal-konvenut nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Billi inoltre l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha.

Billi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-istess konvenut illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Billi l-konvenut issimula l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg.

Billi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fis-6 ta' Gunju 1994 huwa null u bla effett fil-ligi.

Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi:-
1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fis-6 ta' Gunju 1994 huwa null u bla ebda effett legali, u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha ma kkontestax "il-fatti bhala tali" u rrimetta ruhhu ghad-decizjoni tal-Qorti dwar jekk dawn il-fatti ghandhomx iwasslu ghall-annullament taz-zwieg tieghu ma' l-attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg

taghha mal-konvenut kuntrattat f' Malta fis-6 ta' Gunju 1994 huwa null fil-ligi fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Illi l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi u taghtiha piena affidament.

Il-partijiet izzewwgu fis-6 ta' Gunju 1994 wara gherusija ta' circa 3 snin, u minn dan iz-zwieg kellhom tewmin li twieldu fit-8 ta' Frar 2000.

Mill-provi rrizulta kontestat li fiz-zmien meta l-attrici kienet ghada gharusa mal-konvenut wasal ghal widnejha li l-konvenut kellu tendenzi omosesswali. Izda l-konvenut konfrontat b' din l-allegazzjoni nnega, u l-attrici kkontentat b' daqshekk, u eventwalment il-partijiet izzewwgu. L-attrici tghid li matul il-hajja konjugali l-konvenut kien indifferenti ghaliha u sahansitra kien jevita li jkollu x' jaqsam maghha, u tghid li l-att konjugali kien circa erba darbiet f' sena u fuq inizjattiva u insistenza taghha. Hija kienet tinsisti li jaghmlu dan l-att peress li riedet li jkollha tfal, tant li meta twieldu t-tewmin il-konjugi ma kellhomx aktar relazzjonijiet intimi bejniethom, u l-konvenut kien jorqod fuq il-couch isfel fil-waqt li l-attrici kienet torqod mat-tfal fil-kamra tas-sodda fis-sular ta' fuq. Fi kliemha :"I was a cook, a cleaner, I work, mother, I wasn't a woman to anyone."[1]

Wara diversi suspetti da parti ta' l-attrici, stante in-nuqqas ta' interess fiha bhala mara da parti tal-konvenut, dina kienet ippedinatu, u f' okkazzjoni minnhom ghal habta tas-2.30 am hija ratu fi gnien f' Tax Xbiex fejn kien hemm diversi rgiel jitlajjaw u migmugha ghas-skopijiet li jaghmlu s-sess flimkien, u dan kien fil-kumpanija ta' ragel iehor. Kif il-konvenut ra li martu ratu f' dik is-sitwazzjoni huwa telaq jigri, u wara hmistax il-gurnata l-koppja sseparat.

Illi mill-kwadru premess jirrizulta car u manifest li l-konvenut ibati minn anomalija psikologika li kienet ta' xkiel serju ghal hajja mizzewwga li ghandha bhala

---

[1] Fol.51

obbligazzjonijiet essenzjali dawk bazati fuq unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal hajja in komuni bejn il-koppja, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied, kif ukoll il-ben essere reciproku. Mill-provi jemergi car li l-anomalija li jbati minnha l-konvenut kienet ta' impediment ghall-esekuzzjoni tal-obbligi konjugali da parti tieghu u ghalhekk kienet ta' xkiel serju fil-hajja matrimonjali tieghu ma' l-attrici.

Kif gie osservat fil-kawza *PA Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero – 17/11/2000 citata fil-kawza PA[VDG] Josette Fardell vs Raymond Galea 17.06.2002* "Inerenti fl-obbligazzjonijiet taz-zwieg hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita' taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom the community of life and love, f' liema komunjoni s-sesswalita' ghandha rwol importanti.[2]

Jekk parti fiz-zwieg minhabba xi anomalija psikologika serja, ma tkun tista taghti [mhux semplicement "ma taghtix"] lilha nnifisha fit-totalita' taghha lill-parti l-ohra b' mod permanenti, kontiwu u esklussiv, allura, jekk tali anomalija tkun tissussisti fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, ikun hemm id-difett ravvizat fil-sub inciz [d].

Vi sono in effetti delle persone le quali per gravi perturbazioni del substrato psico-fisiologico sono incapace di stabilire quella relazione interpersonale – in quanto comporta la mutua donazione di due persone – perpetua, esclusivia e intima, che e' richiesta dalla komunione di vita coniugale, necessaria per il raggiungimento, in modo veramente umano, della finalita' propria del matrimonio, senza la quale la socjeta' coniugale non puo esistere [*Bersini: Il Diritto Canonico Matrimoniale*].

Inoltre, spetta lil Qorti tidditermina jekk l-anomalija psikologika tidholx fit-termini tal-ligi. "Il giudice e' sempre peritu peritorum. Noi pero' crediamo che si possano offrire come esempio alcune "cause psiche" e che comunque sono di massima attualita': omosessualita',

[2] sottolinear ta' din il-Qorti

transessualismo, altre anomalie sessuali o psico sessuali, narcisismo, alcoholismo, noncuranza o negligenza strafottenete [menefreghismo] per quanto riguarda la comparte, introversione fino alla incomunicazione con l' altra parte e quindi incapacita' di comunione interpersonale..”

Fil-kaz in disamina jirrizulta li t-tendenza omosesswali tal-konvenut kienet ezistenti anke qabel iz-zwieg ma' l-attrici izda dan kien heba din il-karatteristika tieghu minnha u baqa' ghaddej bir-relazzjoni tieghu maghha sakemm eventwalment sar iz-zwieg. Jidher car li z-zwieg kuntrattat f' dawn ic-cirkostanzi ta' ingann kien destinat li jfalli mill-bidu tieghu u r-riluttanza da parti tal-konvenut li jaghmel l-att konjugali ma' l-attrici kienet fonti ta' tensjoni u umiljazzjoni ghal din ta' l-ahhar li spiccat privata minn wiehed mid-drittijiet inerenti ghall-hajja mizzewwga. Il-mod kif il-konvenut kien jittraskura lill-attrici juri bic-car li l-amomalija psikika li huwa kien isofri minnha kienet ta' tfixil serju ghal hajja matrimonjali taghhom, sa tal-grad li ghandha twassal ghall-annullament ta' dan iz-zwieg fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-Artikolu 19[1]. Il-Qorti tosserva wkoll li l-fatt li l-konvenut, nonostante li kien necessarjament konxju tat-tendenzi omosesswali li kellhu, ta l-kunsens tieghu ghaz-zwieg ma' l-attrici, dan il-fatt jimmanifesta difett serju ta' diskrezzjoni ta gudizzju da parti tieghu fuq l-obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga.
Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehma li f' dan il-kaz jikkonfigura dak kontenut fil-paragrafu [d] ta' l-Artikolu precitat li jgib mieghu l-annullament taz-zwieg in disamina; u dan unikament ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut li allura ghandu jbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara z-zwieg kuntratt bejn il-kontendenti fis-6 ta' Gunju 1994 null u bla effett fil-ligi; l-ispejjez a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------